StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

**IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (Ġenerali) IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ______________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha Sitt Taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi. Ikteb it-tweġiba tat-Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Imla l-vojt b'dan il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| manwali | globali | riabilitazzjoni | bażiċi | qgħad |
| iċ-ċittadinanza | valuri | konsumatur | kura preventiva | aċċess |

1. ______________________ tfisser meta persuna tieħu ħsieb saħħitha biex ma timradx.
2. Għall-Maltin, il-bżulija u l-għaqal huma ______________________ personali kif ukoll soċjali.
3. Kull individwu għandu jkollu l-istess opportunitajiet ta' ______________________ għas-servizzi tas-saħħa.
4. ______________________ tfisser li l-Istat jagħraf lill-individwu bħala membru tiegħu.
5. Bħala ċittadin ______________________ jien għandi nagħmel ħilti kollha biex innaqqas it-tniġġis.
6. Persuna li tixtri prodotti u/jew servizzi tissejjaħ ______________________.
7. Il-*Caritas* toffri servizz ta' ______________________ għall-vittmi tad-droga.
8. Wieħed mill-effetti tal-______________________ huwa l-faqar.
9. Il-biedja u s-sajd huma eżempji ta' xogħol ______________________.
10. Konsumaturi bil-għaqal l-ewwel jixtru l-bżonnijiet ______________________ tagħhom.

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi timmarka l-frażi t-tajba.**

1. **Identità nazzjonali tfisser li**
   a) nkunu nafu min aħna bħala poplu
   b) nkunu nafu min aħna bħala individwi
   c) nħossuna patrijotti

2. **Ir-reklami qegħdin hemm biex**
   a) ma mmorrux nixtru
   b) jinfluwenzawna x'nixtru
   c) jinfurmawna dwar id-drittijiet tagħna

3. **Sitwazzjoni fejn in-nies ikunu qed ifittxu x-xogħol tissejjaħ**
   a) kummerċ u industrija
   b) produzzjoni u manifattura
   c) qgħad

4. **Is-saħħa soċjali tfisser li**
   a) jkun hemm soċjetà b'saħħitha
   b) persuna jkollha relazzjonijiet tajbin ma' ta' madwarha
   c) is-soċjetà tieħu ħsieb il-morda

5. **Il-konsumeriżmu jfisser li**
   a) il-prezzijiet ikunu baxxi u kulħadd ikun jiflaħ jixtri
   b) il-konsumaturi jixtru permezz tal-internet biss
   c) ikun hemm it-tendenza li nixtru ħafna oġġetti u servizzi

6. **Il-valuri ċiviċi huma dawk li**
   a) għandu jkollu kull Nisrani
   b) għandu jkollu kull ċittadin
   c) jgħinuna ngħixu komdi

7. **Bħala ċittadini Ewropej, il-Maltin għandhom id-dritt li**
   a) jgħixu u jaħdmu fi kwalunkwe pajjiż tal-Unjoni Ewropea
   b) jsiefru mingħajr flus
   c) jivvutaw fil-Kunsilli Lokali

8. **Persuna sinjura għandha jkollha servizzi tas-saħħa**
   a) bħal kull persuna oħra f'Malta
   b) iktar minn kull persuna oħra f'Malta
   c) inqas minn kull persuna oħra f'Malta

9. **Xogħol volontarju huwa**
   a) ħela ta' ħin
   b) xogħol bla ħlas
   c) xogħol obbligatorju

10. **Ix-xogħol tal-għalliema jifforma parti**
    a) mis-settur primarju
    b) mis-settur tal-manifattura
    c) mis-settur terzjarju

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima C**: **Immarka jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex.**

1. Il-**libertà tal-kelma** tfisser li persuna tista' tesprimi l-opinjoni tagħha anke jekk din tik
lill-Gvern. **VERU/FA**

   **Għaliex?** ____________________________________________

2. Biex inkunu b'saħħitna jeħtieġ li nieklu dieta tajba u nagħmlu l-eżerċizzju. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ____________________________________________

3. Ir-rwol soċjali huwa mod ta' mġiba marbut mal-pożizzjoni tagħna fis-soċjetà. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ____________________________________________

4. Il-vandaliżmu huwa eżempju tajjeb ta' valur ċiviku. **VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ____________________________________________

5. M'hemm xejn ħażin li l-konsumatur ma jkunx infurmat dwar il-kontenut ta' prodott.
**VERU/FALZ**

   **Għaliex?** ____________________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Fisser il-kelma **pluraliżmu fix-xandir** u spjega għaliex din hija pożittiva.

   ____________________________________________
   ____________________________________________
   ____________________________________________
   ____________________________________________ (4)

2. Liema huwa l-*mass medium* l-aktar użat miż-żgħażagħ? Għaliex?

   ____________________________________________
   ____________________________________________
   ____________________________________________
   ____________________________________________ (4)

3. X'tifhem bil-frażi **saħħa ħolistika**?

   ____________________________________________
   ____________________________________________
   ____________________________________________
   ____________________________________________ (4)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. Spjega kif kull dritt iġorr miegħu dmir.

______________________________________________________________________________ (4)

5. Il-mass midja jinfluwenzaw il-valuri u jistgħu jbiddlu l-kultura. Kif jista' jseħħ dan?

______________________________________________________________________________ (4)

**(20 marka)**

**Taqsima E: Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

Għal diversi sekli l-ħajja tal-bniedem kienet tiddependi l-aktar fuq l-agrikoltura u s-sajd. Fl-imgħoddi, il-ħaddiema kienu jużaw sorsi ta' enerġija naturali, pereżempju r-riħ, l-ilma u s-saħħa tagħhom stess. Iżda fis-seklu tmintax, il-bniedem irnexxielu jtejjeb il-produttività billi ħoloq u żviluppa diversi magni ġodda. Permezz ta' teknika ġdida, ix-xjenzati ħolqu wkoll l-enerġija tal-elettriku. Illum il-ġurnata l-magni u l-kompjuters qed jieħdu post ix-xogħol tal-bniedem. Għaldaqstant, ir-Rivoluzzjoni Industrijali biddlet il-mod kif isir ix-xogħol.

**Mistoqsijiet**

1. Spjega kif il-prattika tax-xogħol inbidlet bejn is-seklu tmintax u llum.

______________________________________________________________________________ (2)

2. X'nifhmu bil-kelma **xogħol**?

______________________________________________________________________________ (2)

3. Illum, ix-xogħol tal-idejn naqas ħafna, iżda x-xogħol fuq il-magni u l-kompjuters żdied. X'tip ta' ħiliet irid ikollu l-ħaddiem tal-lum?

______________________________________________________________________________ (4)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'vantaġġi għandhom il-magni u t-teknoloġija fuq il-post tax-xogħol?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

5. Illum nisimgħu dwar ħafna persuni li jbatu minn stress qawwi. Spjega kif il-ħin liberu jista' jgħin biex jitnaqqas l-istress.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

6. Semmi **ŻEWĠ** effetti li l-qgħad iġib miegħu fuq l-individwu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

7. X'inhi l-**etika tax-xogħol**? Saħħaħ it-tweġiba tiegħek billi tagħti **TLIET** eżempji.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5)

**(25 marka)**

**Taqsima F: Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi li ġejjin u ikteb madwar 200 kelma dwarha fuq karta separata.**

1. Il-mass midja wasslu għall-iżvilupp ta' villaġġ globali. Iddiskuti.

2. Ċittadin responsabbli jaqdi d-dmirijiet tiegħu kif suppost. Iddiskuti.

3. X'effetti pożittivi jew negattivi għandu l-konsumeriżmu fuq is-soċjetà?

**(25 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers